



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 30.7.2012
COM(2012) 424 final

2012/0204 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 585/2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Russja u l-Ukraina, wara reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-kuntest tal-proposta

Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Din il-proposta hija dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") fil-proċediment dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mill-Ukraina.

Il-kuntest ġenerali

Din il-proposta qed issir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku u hija r-riżultat ta' investigazzjoni li twettqet skont ir-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stabbiliti fir-Regolament bażiku, b'mod partikolari, l-Artikolu 11(3) tiegħu.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Il-miżuri li bħalissa huma fis-seħħ kienu imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 585/2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Russja u l-Ukraina, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, u li jtemm il-proċediment tar-reviżjoni tal-iskadenza dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mill-Kroazja.

Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-Unjoni

Mhux applikabbli.

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati u valutazzjoni tal-impatt

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-partijiet interessati kkonċernati mill-proċediment kellhom il-possibbiltà li jiddefendu l-interessi tagħhom matul l-investigazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.

Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert

Ma kienx hemm bżonn ta' esperti esterni.

Valutazzjoni tal-impatt

Din il-proposta tirriżulta mill-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament bażiku ma jipprevedix valutazzjoni ġenerali tal-impatt iżda jinkludi lista eżawrjenti ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu vvalutati.

Elementi legali tal-proposta

Sommarju tal-azzjoni proposta

Fid-29 ta' Lulju 2011, fuq talba mill-produttur Ukrain Interpipe, il-Kummissjoni bdiet reviżjoni interim parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mill-Ukraina.

Il-proposta mehmuża għal Regolament tal-Kunsill hija msejsa fuq is-sejbiet li l-livell tad-dazji anti-dumping li attwalment huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, immanifatturati mill-kumpanija Interpipe, mhux meħtieġ iżjed biex jelimina d-dumping dannuż u li ċ-ċirkostanzi li nbidlu u li wasslu biex jonqos il-marġni tad-dumping għandhom natura dejjiema.

Għaldaqstant qed jiġi propost li l-Kunsill jadotta l-proposta mehmuża għal Regolament li jemenda d-dazju anti-dumping li bħalissa huwa fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, mingħand LLC Interpipe Niko Tube u OJSC Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant.

Il-bażi legali

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu.

Prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

Prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-forma tal-azzjoni hija deskritta fir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq u ma tħallix lok għal deċiżjoni nazzjonali.

Ma tapplikax indikazzjoni ta' kif il-piż finanzjarju u amministrattiv li jaqa' fuq l-Unjoni, fuq il-gvernijiet nazzjonali, fuq l-awtoritajiet reġjonali u lokali, fuq l-operaturi ekonomiċi u fuq iċ-ċittadini, huwa mnaqqas kemm jista' jkun u proporzjonat għall-għan tal-proposta.

Għażla tal-istrumenti

L-istrumenti proposti: Regolament.

Mezzi oħrajn ma jkunux adegwati minħabba din ir-raġuni: Ir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq ma jipprevedix għażliet alternattivi.

Implikazzjoni baġitarja

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 585/2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Russja u l-Ukraina, wara reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajpijiet mhux membri tal-Komunità Ewropea¹ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) u l-Artikolu 11(3), (5) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. Il-PROĊEDURA

1.1. Il-miżuri fis-seħħ

- (1) Bir-Regolament (KE) Nru 954/2006², il-Kunsill, wara investigazzjoni ("l-investigazzjoni oriġinali") impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mill-Kroazja, ir-Russja u l-Ukraina. Il-miżuri kienu jikkonsistu f'dazju anti-dumping *ad valorem* li jvarja minn 12,3 % għal 25,7 % impost fuq l-importazzjonijiet mingħand produttori esportaturi msemmija individwalment, b'rata ta' dazju residwa ta' 25,7 % fuq l-importazzjonijiet mingħand il-kumpaniji l-oħrajn kollha fl-Ukraina. Id-dazju anti-dumping definittiv impost fuq il-produttur esportatur soġġett għall-investigazzjoni attwali tar-reviżjoni, CJSC Nikopolsky Seamless Tubes Plant, Niko Tube u OJSC Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant, li issa ssemew LLC Interpipe Niko Tube u OJSC Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant ("l-applikant" jew "Interpipe") kien 25,1 %.
- (2) Wara li Interpipe ressqet applikazzjoni biex tannulla r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 954/2006, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 954/2006 safejn id-dazju anti-dumping iffissat għal

¹ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

² ĠU L 175, 29.6.2006, p. 4.

Interpipe qabeż dak li kien ikun applikabbli kieku l-prezz tal-esportazzjoni ma għex aġġustat għal kummissjoni meta sar il-bejgħ permezz tal-intermedjarju tal-kummerċjant affiljat, Sepco SA³. Fis-16 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali⁴.

- (3) Wara dawn is-sentenzi, il-Kunsill emenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 954/2006 bir-Regolament (UE) Nru 540/2012⁵ biex jikkoreġi d-dazju anti-dumping impost fuq Interpipe safejn kien għe stabbilit b'mod żbaljat. Għaldaqstant, bħalissa d-dazju anti-dumping fis-seħħ għal Interpipe huwa 17,7 %.
- (4) Bir-Regolament Nru 585/2012⁶ il-Kunsill, wara reviżjoni tal-iskadenza, żamm il-miżuri imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 954/2006 fuq l-importazzjonijiet ta' pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Russja u l-Ukraina ("l-investigazzjoni tar-reviżjoni tal-iskadenza").
- (5) Għaldaqstant, il-miżuri li bħalissa huma fis-seħħ huma daww stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 585/2012, jiġifieri bejn 24,1 % u 35,8 % għall-importazzjonijiet mir-Russja u bejn 12,3 % u 25,7 % għall-importazzjonijiet mill-Ukraina, u LLC Interpipe Niko Tube u OJSC Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant għandhom dazju anti-dumping ta' 17,7 %.

1.2. Talba għal reviżjoni interim parzjali

- (6) Fid-29 ta' Lulju 2011, permezz ta' notifika ppubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-Kummissjoni ħabbret il-bidu ta' reviżjoni interim parzjali ("Notifika ta' bidu")⁷ tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mill-Ukraina skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.
- (7) Wara li Interpipe ressqet talba sustanzjata, tnediet ir-reviżjoni li fl-ambitu hija limitata għall-eżami tad-dumping Fit-talba, Interpipe tat evidenza *prima facie* li t-tkomplija tal-impożizzjoni tal-miżura fil-livell attwali tagħha ma għadhiex meħtieġa biex tagħmel tajjeb għad-dumping dannuż.

1.3. L-investigazzjoni

- (8) L-investigazzjoni tal-livell tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2010 sal-31 ta' Marzu 2011 ("il-perjodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni" jew "PIR").
- (9) Il-Kummissjoni għarrfet uffiċjalment lill-applikant, lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur u lill-industrija tal-Unjoni bil-bidu tar-reviżjoni interim parzjali. Il-partijiet

³ Is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2009 fil-każ T-249/06, Interpipe Nikopolsky Seamless Tubes Plant Niko Tube ZAT u Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant VAT kontra l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, (*Interpipe* kontra *l-Kunsill*).

⁴ Is-sentenza tas-16 ta' Frar 2012 fil-każijiet konġunti C-191/09 P u C-200/09 P, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kontra Interpipe Nikopolsky Seamless Tubes Plant Niko Tube ZAT u Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant VAT (*Il-Kunsill* kontra *Interpipe*).

⁵ ĠU L 165, 26.6.2012, p. 1.

⁶ ĠU L 174, 4.7.2012, p. 5.

⁷ ĠU C 223, 29.7.2011, p. 8.

interessati ngħataw l-opportunità li jesprimu fehmiethom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smiġh fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-Notifika ta' bidu.

- (10) Sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-applikant, li wieġeb sal-iskadenza stabbilita.
- (11) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qisitha meħtieġa għall-finijiet biex jinstab il-livell tad-dumping. Saru żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-applikant u fil-kumpaniji kummerċjali relatati miegħu LLC Interpipe Ukraine u Interpipe Europe SA.

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

2.1. Il-prodott ikkonċernat

- (12) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal dak definit fir-Regolament Nru 585/2012 li impona l-miżuri li bħalissa huma fis-seħħ, jiġifieri, pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-ħadid jew tal-azzar ("SPT"), bi profil trasversali ċirkulari, b'dijametru estern li ma jaqbiżx l-406,4 mm b'Valur Ekwivalenti tal-Karbonju (Carbon Equivalent Value - CEV) li ma jaqbiżx iż-0,86 skont il-formula u l-analiżi kimika tal-Istitut Internazzjonali tal-Welding (IIW)⁸, li joriġinaw mill-Ukraina, li bħalissa jaqtgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7304 11 00, ex 7304 19 10, ex 7304 19 30, ex 7304 22 00, ex 7304 23 00, ex 7304 24 00, ex 7304 29 10, ex 7304 29 30, ex 7304 31 80, ex 7304 39 58, ex 7304 39 92, ex 7304 39 93, ex 7304 51 89, ex 7304 59 92 u ex 7304 59 93 ("il-prodott ikkonċernat").

2.2. Il-prodott simili

- (13) Kif ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali kif ukoll fl-investigazzjoni tar-reviżjoni tal-iskadenza, l-investigazzjoni attwali kkonfermat li l-prodott immanifatturat fl-Ukraina u esportat lejn l-Unjoni, il-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-Ukraina, u l-prodott immanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-produtturi tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użi aħħarija. Għaldaqstant, dawn il-prodotti tqiesu simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. ID-DUMPING

3.1. Rimarki preliminari

- (14) Interpipe hija s-sid waħdieni u tikkontrolla żewġ produtturi esportaturi, LLC Interpipe Niko Tube (Niko Tube) u OJSC Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant (Interpipe NTRP). Skont il-prattika standard tal-Istituzzjonijiet, ġie kkalkulat marġni tad-dumping komuni għaż-żewġ produtturi esportaturi. L-ammont ta' dumping l-ewwel kien ġie kkalkulat għal kull produttur esportatur individwali qabel instabet rata medja peżata waħda ta' dumping għaż-żewġ kumpaniji.

⁸ Is-CEV għandu jiġi determinat skont ir-Rapport Tekniku, 1967, IIW doc. IX-555-67, ippubblikat mill-Istitut Internazzjonali tal-Welding (IIW).

- (15) Madanakollu din il-metodoloġija kienet differenti mill-metodoloġija applikata fl-investigazzjoni oriġinali, meta marġni komuni tad-dumping kien ġie kkalkulat billi taqa' d-dejta kollha relatata mal-produzzjoni, il-profittabbiltà u l-bejgħ fl-Unjoni taż-żewġ entitajiet produtturi. Il-bidla fiċ-ċirkostanzi li teħtieġ din il-bidla fil-metodoloġija hija minħabba bidla mmarkata fl-istruttura korporattiva tal-grupp li tippermetti l-identifikazzjoni tal-kumpanija rilevanti tal-produzzjoni fir-rigward tal-bejgħ u l-produzzjoni, li ma kinitx possibbli fl-investigazzjoni oriġinali.
- (16) Barra minn hekk, fl-investigazzjoni oriġinali, aġġustament skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku kien sar fir-rigward tal-kostijiet tal-enerġija ta' Interpipe biex jirrifletti b'mod raġonevoli l-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-elettriku u l-gass fl-Ukraina. Dan l-aġġustament kien meqjus meħtieġ minħabba l-fatt li l-prezzijiet Ukraini tal-gass u l-elettriku, dak iż-żmien, kienu inqas b'mod sinifikanti mill-prezz medju mħallas fl-Unjoni u ma rriflettewx il-prezzijiet internazzjonali tas-suq. L-aġġustament kien imsejjes fuq il-prezzijiet medji osservati fir-Rumanija, li dak iż-żmien iffurmat parti mill-investigazzjoni.
- (17) Madanakollu, bil-kuntrarju għall-investigazzjoni oriġinali, huwa kkonsidrat li aġġustament tal-enerġija mhux meqjus meħtieġ għall-fini tar-reviżjoni interim attwali. L-investigazzjoni wriet li l-prezzijiet Ukraini medji tal-enerġija żdiedu b'rata stabbli mill-investigazzjoni oriġinali 'l hawn, b'rata ħafna iżjed ogħla mill-prezzijiet medji fl-Unjoni Ewropea, u għalhekk bil-mod qed tonqos id-differenza bejniethom. Għalhekk, id-differenza konsiderevoli fil-prezz fil-kostijiet tal-enerġija li nstabet matul l-investigazzjoni oriġinali u li minħabba f'hekk kien meħtieġ aġġustament, bħalissa mhix preżenti.
- (18) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, mhux meqjus xieraq li jsir aġġustament tal-enerġija f'din ir-reviżjoni interim.

3.2. Id-dumping tal-importazzjonijiet matul il-PIR

3.2.1. Il-valur normali

- (19) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, l-ewwel ġie eżaminat għal kull produttur esportatur jekk il-volum totali tiegħu tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti kienu rappreżentattiv meta mqabbel mal-volum totali tiegħu tal-bejgħ f'esportazzjoni lejn l-Unjoni, jiġifieri jekk il-volum totali ta' bejgħ bħal dan kienu jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ f'esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni. L-eżami stabbilixxa li l-bejgħ domestiku kien rappreżentattiv għaż-żewġ produtturi esportaturi.
- (20) Kien eżaminat ukoll jekk kull tip ta' prodott tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi esportaturi fis-suq domestiku tiegħu kienu rappreżentattiv biżżejjed għall-finijiet tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip partikolari ta' prodott tqies rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum totali ta' dak it-tip ta' prodott mibjugħ mill-applikant fis-suq domestiku lil klijenti indipendenti matul il-PIR irrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ tiegħu tat-tip ta' prodott komparabbli esportat lejn l-Unjoni.
- (21) Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku, sussegwentement kien eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip ta' prodott mibjugħ fi kwantitajiet rappreżentattivi setax jittqies li sar fl-andament ordinarju tal-kummerċ. Dan sar billi ġie stabbilit il-

proporzjon ta' bejgħ domestiku bi profitt lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip esportat tal-prodott ikkonċernat matul il-PIR.

- (22) Għal dawk it-tipi ta' prodotti fejn aktar minn 80 %, bħala volum ta' bejgħ fis-suq domestiku tat-tip ta' prodott, kienu ogħla mill-kost u l-prezz medju peżat tal-bejgħ ta' dak it-tip kien daqs jew aktar mill-prezz ta' unità tal-produzzjoni, il-valur normali, skont it-tip ta' prodott, ġie kkalkulat bħala l-medja peżata tal-prezzijiet domestiċi reali tal-bejgħ kollu tat-tip ikkonċernat, irrispettivament jekk dak il-bejgħ kellux profitt jew le.
- (23) Meta l-ammont ta' bejgħ bi profitt ta' tip ta' prodott irrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum totali tal-bejgħ ta' dak it-tip, jew meta l-prezz medju peżat ta' dak it-tip kien inqas mill-kost ta' unità tal-produzzjoni, il-valur normali ssejjes fuq il-prezz domestiku reali, li ġie kkalkulat bħala prezz medju peżat tal-bejgħ domestiku bi profitt biss ta' dak it-tip li sar matul il-PIR.
- (24) Il-valur normali għat-tipi mhux rappreżentattivi (jiġifieri dawk li l-bejgħ domestiku tagħhom kien inqas minn 5 % tal-bejgħ f'esportazzjoni lejn l-Unjoni jew li ma nbiegħu xejn fis-suq domestiku) ġie kkalkulat skont il-kost tal-manifattura għal kull tip ta' prodott flimkien ma' ammont għall-kostijiet ġenerali, amministrattivi u tal-bejgħ u għall-profitti. Fil-każ ta' bejgħ domestiku eżistenti, intuża l-profitt tat-tranżazzjonijiet fl-andament ordinarju tal-kummerċ fis-suq domestiku skont it-tip ta' prodott għat-tipi ikkonċernati tal-prodott. Meta ma sar l-ebda bejgħ domestiku, intuża profitt medju. Din il-bidla fil-metodoloġija saret minħabba l-fatt li wara l-investigazzjoni oriġinali, Bord tad-WTO ħareġ, u l-Korp għal Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO adotta, ir-rapport fil-każ *Il-Komunitajiet Ewropej - Miżura Anti-dumping fuq is-Salamun Imrobbi min-Norveġja*⁹, li jipprovdi li ma jistax jiġi injorat il-marġni tal-profitt reali stabbilit għat-tranżazzjonijiet fl-andament ordinarju tal-kummerċ tat-tipi ta' prodotti rilevanti li għalihom irid jiġi kkalkulat il-valur normali.
- (25) Wara l-iżvelar tal-konklużjonijiet finali, iż-żewġ produttori esportaturi sostnew li l-kostijiet idle ma kellhomx jiġu inklużi fil-kostijiet totali tagħhom tal-manifattura tal-prodott ikkonċernat matul il-PIR, filwaqt li saħaq li dan jikser l-Artikolu 2(5) tar-regolament bażiku tal-anti-dumping u jikkontradixxi l-prinċipji ta' kontabbiltà stabbiliti fl-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS) u l-IAS 2 b'mod partikolari. Rigward l-Artikolu 2(5), għandu jiġu nnutat li skont dan l-artikolu, meta wieħed iqis li kostijiet assoċjati mal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat mhumieq riflessi b'mod raġonevoli fir-rekords tal-parti kkonċernata, dawn għandhom jiġu aġġustati. Il-fatt li l-kumpanija ma operatx bil-kapaċità kollha tagħha jimplika li madankollu l-kostijiet kienu ġġarrbu. Fil-fatt, kostijiet bħal dawn tniżżlu bħala kost fid-dikjarazzjoni tad-dħul taż-żewġ kumpaniji esportaturi u ma setgħux jintrabtu direttament mal-prodott simili. Barra minn hekk, ir-referenza għall-IAS 2 instabet li mhix rilevanti minħabba li l-għan tal-IAS 2 huwa li jippreskrivi t-trattament ta' kontabbiltà għall-inventarji u ma jiddeterminax x'għandu jitqies bħala kost għall-manifattura. Għaldaqstant il-pretensjoni ġiet miċħuda.
- (26) L-istess produttori esportaturi saħqu li ċerti spejjeż finanzjarji li rriżultaw minn self, li ġew inklużi fl-ispejjeż tal-SGA kellhom jiġu esklużi. Huma stqarru li dawn is-selfiet

⁹ WT/DS337/R tas-16 ta' Novembru 2007 – adottat mill-Korp għal Soluzzjoni tat-Tilwim fil-15 ta' Jannar 2008.

saru biex jissodisfaw il-ħtiġijiet għal-likwidità u għall-finanzjament ta' perjodu qasir tal-kumpanija, u dawn ma kinux relatati mal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Waqt iż-żjarat ta' verifika, tassew instab li l-ispejjeż tal-interessi kienu primarjament relatati mal-finanzjament tal-kapital operatorju. Għalhekk, l-ispejjeż tal-interessi ġew allokatu għall-prodotti kollha. Il-prodotturi esportaturi ma setgħux juru li l-ispejjeż tal-interessi saru speċifikament għal finijiet oħra minbarra l-finanzjament tal-kapital operatorju. Iż-żewġ prodotturi esportaturi ma setgħux jipprovdu aktar evidenza biex jissustanzjaw il-pretensjoni tagħhom u għalhekk din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

3.2.2. Il-prezz tal-esportazzjoni

(27) L-esportazzjonijiet kollha tal-prodott ikkonċernat miż-żewġ produtturi esportaturi lejn l-Unjoni sar permezz ta' kumpanija relatata tal-kummerċ li tinsab l-Isvizzera direttament lejn konsumaturi indipendenti fl-Unjoni. Għalhekk il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit skont il-prezzijiet tal-esportazzjoni li attwalment tħallsu jew jistgħu jitħallsu skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.2.3. It-tqabbil

(28) Huwa mfakkar li fl-investigazzjoni oriġinali sar aġġustament fil-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku, fil-każijiet fejn il-bejgħ sar permezz ta' kummerċjanti relatati. Madanakollu, skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ *Interpipe*¹⁰, li ddikjarat li l-aġġustament ma kienx meħtieġ, l-ebda aġġustament bħal dan ma sar f'din ir-reviżjoni interim.

(29) Il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni taż-żewġ produtturi esportaturi tqabblu fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika. Biex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Abbażi ta' dan, saru aġġustamenti fir-rigward tal-kostijiet tat-trasport, ribassi u skontijiet, kummissjonijiet u kostijiet ta' kreditu.

3.2.4. Il-marġni tad-dumping

(30) Skont l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku, il-valur normali medju peżat tqabbel mal-prezz medju peżat tal-esportazzjoni għal kull tip ta' prodott u skont kif joħroġ mill-fabbrika, għal kull wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi separatament. Kif jissema fil-premessa (14) ta' hawn fuq, sussegwentement ġie stabbilit marġni wieħed komuni tad-dumping għal *Interpipe* billi tiġi kkalkulata rata medja peżata waħda tad-dumping għaż-żewġ produtturi esportaturi fi ħdan *Interpipe*.

(31) Abbażi ta' dan, il-marġni tad-dumping, espress bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huwa 13,8 %.

4. IN-NATURA DEJJIEMA TAĊ-ĊIRKOSTANZI MIBDULA

¹⁰ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Frar 2012 fil-każijiet konġunti C-191/09 P u C-200/09 P, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kontra *Interpipe Nikopolsky Seamless Tube Plant Niko Tube ZAT* u *Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant VAT* ("*Interpipe*").

- (32) Fit-talba tiegħu għal reviżjoni interim parzjali, l-applikant saħaq li l-bidliet fl-istruttura korporattiva u fl-organizzazzjoni tal-produzzjoni, kif ukoll ristrutturar tal-organizzazzjoni tal-bejgħ kemm fis-suq domestiku u f'dak tal-esportazzjoni, ħallew impatt fuq l-istruttura tal-kostijiet tiegħu u li, għalhekk, il-livell eżistenti tad-dazju anti-dumping ma kienx aktar meħtieġ biex ipatti għad-dumping dannuż.
- (33) Għaldaqstant ġie investigat jekk iċ-ċirkostanzi mibdula li wasslu għall-bidu ta' din ir-reviżjoni interim u r-riżultat tagħha, jistgħux jitqiesu b'mod raġonevoli li għandhom natura dejjiema.
- (34) L-investigazzjoni stabbilixxiet li l-fatturi ewlenin li jwasslu għall-marġni tad-dumping aktar baxx misjub f'din l-investigazzjoni tar-reviżjoni huma bidliet fl-organizzazzjoni korporattiva, li tinkludi għaqda ta' żewġ kumpaniji tal-produzzjoni, u ristrutturar tal-organizzazzjoni tal-bejgħ, li ttejbet. Dawn il-bidliet, li affettwaw l-istruttura tal-kostijiet tal-applikant għall-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat għandhom natura strutturali u għalhekk x'aktarx ma jinbidlux fil-futur prevedibbli. Barra minn hekk, fil-prezzijiet tal-applikant ma hemm l-ebda indikazzjonijiet ta' volatilità sinifikanti.
- (35) Għaldaqstant ġie konkluż li l-bidliet għandhom natura dejjiema u li l-applikazzjoni tal-miżura eżistenti fil-livell attwali tagħhom, ma għadhiex aktar meħtieġa.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-entrata dwar LLC Interpipe Niko Tube u OJSC Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant (Interpipe NTRP) fit-tabella tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 585/2012 għandha tinbidel b'dan li ġej:

LLC Interpipe Niko Tube u OJSC Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant (Interpipe NTRP)	13,8 %	A743
---	--------	------

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*